



PARLAMENT EWROPEW

2009 – 2014

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

15.2.2011

DOKUMENT TA' ĦIDMA

Anness mad-dokument ta' ħidma dwar l-isfidi ta' politika u r-riżorsi baġitarji għal Unjoni Ewropea sostenibbli wara l-2013 (Kumitat SURE) – il-programmi multiannwali 2007–2013 li jaqgħu taħt ir-responsabilità tal-Kumitat CULT

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Cătălin Sorin Ivan

IL-PROGRAMMI MULTIANNWALI 2007–2013 LI JAQGĦU TAĦT IR-RESPONSABILITÀ TAL-KUMITAT CULT

1. Tagħlim Tul il-Ħajja

Bħala strument ewlieni fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja jiġbor fih diversi inizjattivi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ. Il-programm jappoġġja skambji, żjarat ta' studju u attivitajiet ta' *networking* bejn persuni, istituzzjonijiet u pajjiżi fl-Ewropa. Il-proġetti tiegħu huma intenzi mhux biss għal min jistudja u jitgħallem b'mod individwali, iżda wkoll għall-għalliema, għal min iħarreġ u għal persuni oħra involuti fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

Baġit: EUR 6,900 miljun

Għanijiet:

- li jingħata aċċess usa' għat-tagħlim jew għall-opportunitajiet tax-xogħol f'diversi pajjiżi u li jiġi inkoraġġut livell ogħla ta' mobilità;
- li jingħata kontribut għall-ħolqien ta' soċjetà avvanzata bbażata fuq l-għarfien, bi żvilupp ekonomiku sostenibbli, aktar impjiegi u aħjar, u aktar koeżjoni soċjali.

Azzjonijiet:

- il-**Programm Comenius** għall-iskejjel (13 % tal-baġit tal-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja)
- il-**Programm Erasmus** għall-edukazzjoni ogħla (40 %)
- il-**Programm Leonardo da Vinci** għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (25 %)
- il-**Programm Grundtvig** għall-edukazzjoni tal-adulti (4 %)
- il-**“Programm Trasversali”** (proġetti f'oqsma rilevanti għal-livelli kollha tal-edukazzjoni, bħat-tagħlim tal-lingwi, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u t-tixrid tar-risultati tal-proġetti, iffinanzjati permezz ta' din il-parti trasversali tal-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja)
- l-**azzjonijiet Jean Monnet** (għat-tħeġġiġ tat-tagħlim, ir-riflessjoni u d-dibattitu dwar l-integrazzjoni Ewropea, bl-involvement tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla madwar id-dinja).

Fatt ewlieni: It-tagħlim tul il-ħajja “mill-benniena sal-qabar” sar realtà għall-maġġoranza tan-nies f'għadd ta' pajjiżi Ewropej (DK, SE, IS, segwiti minn FI, UK u NL), u hemm progress x'wieħed josserva kważi fil-pajjiżi kollha. Id-domanda taqbeż sew il-provvista kurrenti li, għall-Programm Erasmus, pereżempju, hija limitata għal madwar 5 % tal-istudenti. Fil-fatt, aktar minn 2.2 miljun student iipparteċipaw fil-programmi ta' mobilità “Erasmus” minn mindu bdew fl-1987.

2. Erasmus Mundus (2009–2013)

L-estensjoni tal-Programm Erasmus mad-dinja kollha, jiġifieri l-“Erasmus Mundus”, jikkostitwixxi programm ta' koperazzjoni u ta' mobilità fil-qasam tal-edukazzjoni oġhla, bl-involvement ta' studenti u istituzzjonijiet minn barra l-UE.

Baġit: EUR 980 miljun

Għanijiet:

- li titjeb il-kwalità fl-edukazzjoni oġhla Ewropea;
- li tiġi promossa l-UE bħala ċentru ta' eċċellenza għat-tagħlim mad-dinja kollha;
- li jiġi promoss il-ftehim interkulturali bis-saħħa tal-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi;
- li jissaħħaħ l-iżvilupp ta' pajjiżi terzi fil-qasam tal-edukazzjoni oġhla.

Azzjonijiet:

- programmi konġunti fil-livell tal-master u dak dottorali, inklużi boroż ta' studju u *fellowships* biex wieħed jipparteċipa f'dawn il-programmi;
- sħubijiet bejn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġhla f'pajjiżi Ewropej u pajjiżi terzi, inklużi boroż ta' studju u *fellowships* għall-mobilità fil-livelli akkademiċi kollha;
- promozzjoni tal-edukazzjoni oġhla Ewropea permezz ta' proġetti li jsaħħu l-attraenza tal-Ewropa bħala destinazzjoni edukattiv u ċentru dinji ta' eċċellenza.

Fatt ewlieni: L-“Erasmus Mundus” 2009–2013 ikompli l-attivitajiet diġà mnedija matul l-ewwel fażi (2004–2008) tal-programm u jestendi l-ambitu tagħhom.

3. Kultura

Il-programm ta' Kultura tal-UE jappoġġja proġetti li jiċċelebraw id-diversità kulturali tal-Ewropa u jiġbdu l-attenzjoni lejn il-wirt kulturali komuni tagħna billi jiżviluppa koperazzjoni traskonfinali bejn operaturi kulturali u istituzzjonijiet.

Baġit: EUR 400 miljun

Għanijiet:

- li tiġi promossa l-mobilità traskonfinali ta' daww li jaħdmu fis-settur kulturali;
- li tiġi inkoraġġuta ċ-ċirkolazzjoni tranżnazzjonali tal-prodotti kulturali u artistiki;

- li jitħeġġeġ id-djalogu interkulturali.

Azzjonijiet:

- jappoġġjaw proġetti li jlaqqgħu organizzazzjonijiet kulturali minn firxa ta' pajjiżi tal-UE biex jikkoperaw fi proġetti kulturali u artistiċi (din l-azzjoni tappoġġja l-inizjattiva tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura);
- jappoġġjaw lill-korpi kulturali li joperaw fil-livell Ewropew u li jinkoraġġixxu l-iskambju bejn organizzazzjonijiet kulturali f'pajjiżi Ewropej differenti, jidentifikaw il-bżonnijiet tal-komunità artistika Ewropea, jirrappreżentaw is-settur f'negozjati ma' istituzzjonijiet tal-UE, jipparteċipaw fid-dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet kulturali, u jaġixxu bħala ambaxxaturi kulturali Ewropej;
- jappoġġjaw ir-riċerka, l-analiżi u t-tixrid tal-informazzjoni dwar il-koperazzjoni kulturali u l-iżvilupp ta' politiki (din l-azzjoni tappoġġja l-Punti ta' Kuntatt Kulturali fl-Istati Membri, li jaġixxu bħala ħoloq bejn il-programm u l-operaturi kulturali).

Fatt ewlieni: L-Istati Membri kollha huma mistiedna jospitaw l-avvenimenti ta' "Kapitali Ewropea tal-Kultura" għas-snin mill-2005 sal-2019 skont min imisshom. Sal-2019, kull Stat Membru se jkun kellu l-Kapitali tal-Kultura tiegħu:

Avvenimenti ta' "Kapitali Ewropea tal-Kultura" għas-snin mill-2007 sal-2019 skont min imisshom	
2007 l-Lussemburgu u r-Rumanija	2008 r-Renju Unit
2009 l-Awstrija u l-Litwanja	2010 l-Ġermanja u l-Ungerija
2011 il-Finlandja u l-Estonja	2012 il-Portugall u s-Slovenja
2013 Franza u s-Slovakkja	2014 l-Isvezja u l-Latvja
2015 il-Belġju u r-Repubblika Ċeka	2016 Spanja u l-Polonja
2017 id-Danimarka u Ċipru	2018 il-Pajjiżi l-Baxxi u Malta
2019 l-Italja u l-Bulgarija	

4. Żgħażaġħ fl-Azzjoni

Il-politiki tal-UE dwar iż-żgħażaġh huma mmirati biex jissodisfaw l-aspettattivi taż-żgħażaġh li qed jinbidlu filwaqt li jinkoraġġuhom biex jaġhtu kontribut għas-soċjetà. Dan ix-xogħol ta' politika qed jiġi appoġġjat minn azzjoni konkreta f'għamla ta' programm speċifiku għaż-żgħażaġh bl-isem "Żgħażaġħ fl-Azzjoni".

Baġit: EUR 885 miljun

Għanijiet:

- li jitqajjem sens ta' ċittadinanza attiva, ta' solidarjetà u ta' tolleranza fost iż-żgħażaġh Ewropej bejn il-15 u t-28 sena bil-għan li jiġu involuti fit-tiswir tal-futur tal-UE;
- li jiġu promossi l-mobilità fi ħdan l-UE u lil hinn mill-fruntieri tagħha, it-tagħlim mhux formali u d-djalogu interkulturali.

Azzjonijiet:

- Iż-Żgħażaġħ għall-Ewropa: tinkoraġġixxi ċ-ċittadinanza attiva, il-parteċipazzjoni u l-kreattività taż-żgħażaġh permezz ta' programmi ta' skambju u inizjattivi għaż-żgħażaġh u Proġetti "Żgħażaġħ u Demokrazija";
- Servizz Volontarju Ewropew: jgħin liż-żgħażaġh jiżviluppaw is-sens tagħhom ta' solidarjetà billi jipparteċipaw, jew b'mod individwali jew permezz ta' gruppi, f'attivitajiet volontarji mingħajr qligħ barra minn pajjiżhom li għalihom ma jitħallsux;
- Iż-Żgħażaġħ fid-Dinja: tippromwovi s-sħubijiet u l-iskambju bejn iż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet tagħhom madwar id-dinja;
- Sistemi ta' Appoġġ għaż-Żgħażaġħ: tinkludi diversi miżuri biex jiġu appoġġjati l-ħaddiema żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u biex titjieb il-kwalità tal-attivitajiet tagħhom;
- Appoġġ għall-Koperazzjoni Ewropea fil-Qasam taż-Żgħażaġħ: tappoġġja l-koperazzjoni fil-politiki dwar iż-żgħażaġh fil-livell Ewropew, b'mod partikolari billi tiffaċilita d-djalogu bejn iż-żgħażaġh u dawk li jfasslu l-politika.

Fatt ewlieni: Fis-sena 2011, se tingħata attenzjoni speċjali lil proġetti ddedikati biex jinkoraġġixxu l-koperazzjoni u l-iskambju fil-qasam taż-żgħażaġh bejn l-UE u ċ-Ċina, bħala mezz biex jingħata kontribut għas-Sena taż-Żgħażaġħ UE-Ċina 2011.

5. MEDIA 2007

Il-qafas regolatorju għall-politika awdjoviżiva u dwar il-midja tal-UE qed jiġi pprovdut mid-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżivi (li qabel kienet id-Direttiva tat-Televixin Mingħajr Fruntieri), li ġiet irrieduta fl-2007. MEDIA 2007 huwa l-programm ta' appoġġ tal-UE lill-industrija awdjoviżiva u jikkostitwixxi t-tieni strument ewlieni f'idejn l-UE fil-qasam awdjoviżiv.

Baġit: EUR 755 miljun

Għanijiet:

- li titkabbar il-produzzjoni ta' films u programmi televiżivi ta' kwalità fl-Ewropa;
- li tizzied iċ-ċirkolazzjoni tagħhom fl-Ewropa u lil hinn minnha;

- li l-industrija awdjoviżiva Ewropea ssir aktar kompetittiva internazzjonalment bl-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjamenti u billi jiġi promoss l-użu tat-teknoloġiji diġitali.

Azzjonijiet:

- il-fażijiet ta' qabel il-produzzjoni awdjoviżiva għandhom jipromwovu l-ksib u l-irfinar tal-kapaċitajiet u jappoġġjaw l-iżvilupp ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej;
- il-fażijiet ta' wara l-produzzjoni awdjoviżiva għandhom jappoġġjaw id-distribuzzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej;
- appoġġ lil proġetti pilota biex ikun żgurat li l-programm iżomm il-pass mal-iżviluppi fis-suq.

Fatt ewlieni: *Slumdog Millionaire* ġie parzjalment ifffinanzjat mill-programm MEDIA.

6. MEDIA Mundus (2011–2013)

Il-MEDIA Mundus huwa programm ta' koperazzjoni wiesgħa internazzjonali għall-industrija awdjoviżiva. L-UE se ttiprovdi fondi għal proġetti sottomessi minn nies professjonali mill-Ewropa u minn pajjiżi terzi.

Baġit: EUR 15-il miljun

Għan:

- li jissaħħu r-rabtiet kulturali u kummerċjali bejn l-industrija Ewropea tal-films u l-produtturi ta' films f'pajjiżi terzi.

Azzjonijiet:

- appoġġ lill-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' moduli ta' taħriġ bl-involviment ta' nies minn pajjiżi Ewropej u ta' pajjiżi terzi li qed jitħarrġu kif ukoll li qed jipprovdu taħriġ, u tħeġġiġ tal-iskambju bejn l-istituzzjonijiet;
- appoġġ biex jiġu organizzati fora għall-iżvilupp, l-iffinanzjar u l-produzzjoni ta' koproduzzjonijiet internazzjonali, u tħeġġiġ tal-konklużjoni ta' ftehimiet bejn gruppi ta' detenturi tad-drittijiet jew distributuri Ewropej u dawk li ġejjin minn pajjiżi terzi;
- sensibilizzazzjoni tal-pubbliku fil-livell dinji dwar il-wiri ta' films li ġejjin minn pajjiżi Ewropej kif ukoll ta' films li ġejjin minn pajjiżi terzi fil-livell Ewropew, u appoġġ lin-*networking* u s-*sħubijiet* bejn ix-xandara u d-detenturi tad-drittijiet mill-Ewropa u minn pajjiżi terzi;
- appoġġ għad-doppjaġġ u għas-sottotitolat għad-distribuzzjoni u t-tixrid, bil-modi disponibbli kollha, ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej u ta' dawk minn pajjiżi terzi għall-benefiċċju tal-produtturi, tad-distributuri u tax-xandara.

Fatt ewlieni: Il-programm MEDIA Mundus se jaġixxi b' mod parallel mal-programm MEDIA 2007 kif ukoll mal-Azzjoni Preparatorja Internazzjonali tal-MEDIA, li hija komplementari u li fil-qafas tagħha EUR 2 miljun qegħdin għad-dispożizzjoni ta' 18-il proġett li jinvolvu sħab internazzjonali. Huwa mistenni li mill-programm MEDIA Mundus se jibbenefikaw kemm il-konsumaturi, billi tingħata l-possibilità ta' għażla usa' għall-konsumatur, u kemm in-nies professjonali fil-qasam awdjoviżiv, billi jinħolqu opportunitajiet ta' negozju ġodda.

7. L-Ewropa għaċ-Ċittadini

Il-prijoritajiet ewlenin tal-programm “L-Ewropa għaċ-Ċittadini” jinkludu l-inkoraġġiment taċ-ċittadini biex jinvolvu ruħhom fl-integrazzjoni Ewropea b' mod attiv, possibilitajiet biex huma jiżviluppaw sens ta' identità Ewropea, u t-tisħiħ tal-ftehim reċiproku fost l-Ewropej.

Baġit: EUR 215-il miljun

Għanijiet:

- li jiġu promossi l-parteċipazzjoni u d-demokrazija fil-livell tal-UE; il-futur tal-Unjoni u l-valuri fundamentali tagħha; id-djalogu interkulturali; l-impjiegi, il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli;
- li tizzied il-kuxjenza dwar l-impatt tal-politiki tal-UE fuq is-soċjetà.

Azzjonijiet:

- “Ċittadinanza Attiva għall-Ewropa”: timmira biex tlaqqa' persuni minn partijiet differenti tal-Ewropa bil-għan li jiġu promossi l-ftehim reċiproku, is-sens ta' sjieda fir-rigward tal-UE, u l-iżvilupp ta' identità Ewropea. Tiffoka fuq ġemellaġġi ta' bliet kif ukoll proġetti taċ-ċittadini u miżuri ta' appoġġ;
- “Soċjetà Ċivili Attiva fl-Ewropa”: tipprova tgħin lis-soċjetà ċivili Ewropea biex ikollha rwol aktar attiv fix-xena Ewropea billi jingħata appoġġ lil organizzazzjonijiet mhux governattivi, trejdnjins, gruppi ta' ħassieba esperti, assoċjazzjonijiet, u korpi oħra mhux governattivi;
- “Flimkien fl-Ewropa”: taħdem favur it-tisħiħ tal-kunċett taċ-ċittadinanza Ewropea, permezz ta' avvenimenti effikaċi ta' profil għoli. Il-Kummissjoni se twettaq ukoll studji, sondaġġi, u sħarriġiet tal-opinjoni pubblika, bil-għan li jinftiehem aħjar x' inhi ċittadinanza Ewropea attiva;
- “Tifkira Ewropea Attiva”: tipprova żżomm haġġin il-memorji dolorużi tan-Naziżmu u l-Istaliniżmu bil-għan li ttiprovdi taġħlim dwar il-valur tal-paċi, tal-istabilità u tad-demokrazija.

Fatt ewlieni: Is-sena 2011 tissemma s-“Sena Ewropea tal-Volontarjat”. B'baġit ta' EUR 8 miljun, l-UE timmira biex tippromwovi l-volontarjat bħala espressjoni attiva tal-

parteċipazzjoni ta' ċittadini.